



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

---

**2011/2020(BUD)**

1.9.2011

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-pożizzjoni tal-Parlament dwar l-Abbozz ta' Baġit 2012 kif modifikat mill-Kunsill – it-taqsimiet kollha (2011/2020(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Edvard Kožušník

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jappoġġa l-opinjoni li, speċjalment fi żminijiet ta' awsterità, il-baġit tal-UE għandu jintuża bil-għaqal biex jiġi stimolat it-tkabbir ekonomiku; jinnota li dan jista' jsir permezz tal-investimenti neċessarji u t-tiżni tal-funzjonament tas-Suq Uniku, u bl-iskop li jgħin liċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-imprezzi Ewropej fil-ħolqien ta' impjiegi u ta' attivitajiet sostenibbli;
2. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza ta' allokkazzjoni baġitarja kostanti għat-tħaddim u l-iżvilupp tas-suq intern, partikolarment fl-ambiti tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali (linji baġitarji 02 01 04 01 u 02 03 01); jenfasizza li qafas regolatorju ġdid għall-istandardizzazzjoni Ewropea għandu jwassal għal sistema ta' standardizzazzjoni tal-UE iktar integrata u sistema ta' finanzjament iktar sostenibbli għall-iżvilupp tal-istandards<sup>1</sup>;
3. Jilqa' pożittivament iż-żieda ċkejna għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq intern (linji baġitarji 12 01 04 01 u 12 02 01), u l-għan tal-Kummissjoni li twaqqaf il-frammentazzjoni tas-suq u telimina l-barrieri u l-ostakli għall-moviment tas-servizzi, għall-innovazzjoni u l-kreattività, kif espress fil-komunikazzjoni tant mistennija tagħha intitolata "L-Att dwar is-Suq Uniku. Tnax-il xprun sabiex jiġi stimolat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja. Flimkien għal tkabbir ġdid"<sup>2</sup>.
4. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar ir-riżoluzzjoni tagħha dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi<sup>3</sup>, li fiha appella għall-allokkazzjoni ta' fondi xierqa għal kampanja ta' promozzjoni kbira tal-punti waħdiena ta' kuntatt (PSC);
5. Jappella għall-finanzjament kontinwu tal-Proġett Pilota 'Forum dwar is-Suq Uniku' (SMF; linja baġitarja 12 02 03), organizzat kull sena konġuntament mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew u mill-Presidenza tal-Kunsill, li jlaqqa' l-partijiet interessati mill-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tal-imprezzi biex jivvaluta l-progress fit-tnedija mill-ġdid tas-Suq Uniku, jinqasmu l-aħjar prassi u jiġu ttrattati l-problemi li l-aktar jinkwetaw iċ-ċittadini Ewropej; jirrikonoxxi u jilqa' pożittivament il-fatt li l-Kummissjoni bdiet il-proċess tal-evalwazzjoni u r-reviżjoni tal-lista ta' "L-Ewwel 20 preokkupazzjoni"; jappella li "L-Ewwel 20 preokkupazzjoni" jiġu eżaminati fuq bażi regolari fil-Formu tas-Suq Uniku billi jintużaw bħala indikaturi verifikabbli biex jevalwaw u jissorveljaw l-iżviluppi fis-Suq Uniku fil-konfront taċ-ċittadini Ewropej;
6. Jiddeplora n-nuqqas ta' allokkazzjoni ta' flus għall-impenji ddedikati lil SOLVIT u s-

<sup>1</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-futur tal-Istandardizzazzjoni Ewropea (Rapport Kožušnik - 2010/2051(INI)), P7\_TA-PROV(2010)0384.

<sup>2</sup> COM(2011)0206.

<sup>3</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi 2006/123/KE (Rapport Gebhardt - 2010/2053(INI)), P7\_TA-PROV(2011)0051.

Servizzi ta' Assistenza tas-Suq Uniku (linja baġitarja 12 02 02); iqis lin-netwerk SOLVIT bħala mekkaniżmu effikaċi u bla ħlas ta' riżoluzzjoni amikevoli tat-tilwim li għandu jiġi sostnut minn taħriġ u attivitajiet ta' promozzjoni fl-Istati Membri kollha;

7. Jenfasizza l-bżonn ta' żvilupp ta' skemi ta' taħriġ anki għall-uffiċjali ta' amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali inkarigati mill-monitoraġġ tas-servizzi; ifakkar li s-suċċess sostenibbli tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) jiddependi minn investimenti adegwati flivell Komunitarju u jappoġġa l-estensjoni tiegħu, sa tmien l-2012, lill-professjonijiet kollha regolamentati fuq livell tal-UE;
8. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri għal kofinanzjament ulterjuri tal-azzjonijiet konġunti ta' sorveljanza tas-suq; jirrikonoxxi r-rwol tad-dwana fis-sorveljanza tas-suq u jappoġġa t-tiżni tal-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, li tippromwovi l-iskambju ta' prattiki tajbin u assistenza teknika; jistieden lill-Istati Membri jallokaw ir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa bil-għan li jirrispettaw l-obbligi rispettivi tagħhom għall-implimentazzjoni tal-Programm Dwana 2013 (linji baġitarji 14 01 04 02 u 14 04 02);
9. Iqis li jeħtieġ li jinżamm l-ammont allokaw għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-politika tal-konsumaturi (linja baġitarja 17 02 02) bil-għan li tiġi garantita l-kontinwità tal-istħarriġiet u tal-istudji tas-suq eżistenti, u speċjalment it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur u l-Consumer Conditions Scoreboard; jilqa' favorevolment l-evalwazzjoni intermedja tal-Istrateġija tal-Politika tal-Konsumaturi u l-Programm ta' azzjoni Komunitarja u jistenna bil-ħerqa l-evalwazzjoni separata tal-azzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-informazzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet tal-konsumaturi, prevista f'Settembru 2011;
10. Josserva l-messaġġi ewlenin tal-evalwazzjoni reċenti tal-funzjonament tan-Netwerks ta' Ċentri Ewropej tal-Konsumanturi (ECC), speċjalment fir-rigward tar-riżorsi limitati disponibbli s'issa u l-inċentivi bbażati fuq ir-riżultati li ġew proposti għall-futur; jikkonferma l-appoġġ tiegħu favur in-Netwerk ta' Kooperazzjoni għall-Ħarsien tal-Konsumaturi (CPC), li għandu l-iskop li jiżguraw li mekkaniżmi ta' kooperazzjoni effikaċi għall-awtoritajiet inkarigati mill-infurzar tal-ħarsien tal-konsumatur ikunu definiti u applikati fl-Istati Membri;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	31.8.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 34 -: 0 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia De Campos, Jürgen Creutzmann, Christian Engström, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Iliana Ivanova, Philippe Juvin, Sandra Kalniete, Eija-Riitta Korhola, Edvard Kožušník, Kurt Lechner, Toine Manders, Hans-Peter Mayer, Gianni Pittella, Phil Prendergast, Robert Rochefort, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Matteo Salvini, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Catherine Stihler, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Kyriacos Triantaphyllides, Emilie Turunen, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Damien Abad, Ashley Fox, Anna Hedh, Pier Antonio Panzeri, Antonia Parvanova, Søren Bo Søndergaard, Marc Tarabella